



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2010/2095(INI)

6.12.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

on an Industrial Policy for the Globalised Era
(2010/2095(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Francesco De Angelis

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jagħraf il-kontribut tal-industrija Ewropea għall-viżjoni ta' koeżjoni soċjoekonomika u territorjali u jqis li industrija b'saħħitha hija kundizzjoni indispensabbli għat-tkabbir ekonomiku u l-istabilità soċjali tar-reġjuni Ewropej;
2. Jikkunsidra li 'Politika industrijali tal-UE għall-era globalizzata' tista' biss tilħaq l-għanijiet tagħha jekk tittratta kemm il-politiki tal-Unjoni huma adattati għall-isfidi tal-ġejjieni li r-reġjuni Ewropej u l-industriji lokali tagħhom qed jaffaċċjaw u se jkunu qegħdin jaffaċċjaw fis-snin li ġejjin, u sakemm il-miżuri jew il-politiki Ewropej iwasslu għal żieda fl-effiċjenza u l-kompetittività tal-SMEs, li huma l-katalisti ewlenin tal-industrija Ewropea; f'dan ir-rigward, jenfasizza li hemm bżonn li l-impatt tal-bidliet ekonomiċi, demografiċi, klimatiċi u enerġetiċi jiġi analizzat aktar fir-rigward tad-dimensjoni reġjonali tagħhom, filwaqt li jitqiesu d-differenzi reġjonali potenzjali li dawn l-isfidi se jiġġeneraw, b'mod li jaffettwaw it-tkabbir omoġenju tal-industriji tal-UE; jenfasizza r-rwol attiv li jiżvolgħu r-reġjuni fit-tneġġig ta' bidla ekoloġika fl-industrija u l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli;
3. Jirrikonoxxi l-isfida bi tliet aspetti li qed tthabbat wiċċha magħha il-politika industrijali fir-rigward:
 - i) tat-trasformazzjoni tal-ekonomiji tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant f'ekonomiji orjentati lejn is-suq,
 - ii) tat-tnaqqis riċenti tal-attività ekonomika,
 - iii) tal-iżgurar tal-produzzjoni industrijali fil-ġejjieni;hu għalhekk tal-fehma li l-passi futuri għandu jkollhom l-għan li:
 - i) jilliberalizzaw u jtejbu l-ambjent għall-industrija u l-kummerċ fi ħdan l-UE,
 - ii) ineħħu r-regolamenti u l-interventi mhux essenzjali li jdgħajfu l-pożizzjoni tal-industrija tal-UE meta mqabbla mal-kompetizzjoni tagħha fis-suq globali,
 - iii) jużaw il-potenzjal tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;
4. Jinnota li l-maġġoranza kbira tas-suq industrijali tagħna huwa magħmul minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u li dawn jiżvolgħu rwol attiv fl-istimulazzjoni tat-tkabbir ekonomiku lokali u l-ħolqien ta' impjiegi li mhumiex fil-periklu li jiġu spustjati: kwalunkwe strateġija integrata dwar il-futur tal-industriji Ewropej għandha għalhekk tiffoka primarjament fuq approċċ imsaħħaħ favur l-SMEs bħala l-fattur essenzjali għall-kompetittività ekonomika u l-koeżjoni territorjali, u, għall-inqas sa ċertu punt, fuq il-kundizzjonijiet operattivi tal-atturi globali, li għandhom ukoll rwol importanti fir-reġjuni, kif ukoll huma fundamentali għall-kompetittività fl-Ewropa fil-livell internazzjonali; jitlob

li titkompla s-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-kisba tal-fondi tal-UE u li l-SMEs ikunu l-benefiċjarji diretti ta' tali fondi;

5. Jisħaq fuq l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar bħala mezz kif jitnaqqas il-piż amministrattiv u jitrawwem ir-rwol tal-SMEs fis-suq intern; jilqa' bi pjaċir it-twaqqif ta' Forum permanenti għall-SMEs dwar l-aċċess għall-opportunitajiet ta' finanzjament u jitlob li jkun hemm strateġija integrata biex l-SMEs isibuha tassew aktar faċli biex jiksbu fondi fl-UE;
6. Jenfasizza li l-kriżi ekonomika globali qed taffettwa r-rati tal-impjieg fl-Ewropa kollha, b'mod li qed iġġib għall-agħar il-prospetti soċjoekonomiċi tal-UE u żżid id-differenzi reġjonali; f'dan ir-rigward, jenfasizza li l-eżistenza ta' settur industrijali kompetittiv, diversifikat, ġust u sostenibbli bbażat fuq kolloxx fuq SMEs effiċjenti u kompetittivi, hi essenzjali għall-futur tal-ħaddiema fl-Ewropa kollha; jirrakkomanda li jsir użu tajjeb tal-esperjenza u l-kompetenzi tal-ħaddiema ikbar fl-età biex ikun żgurat li dawn jibqgħu jintużaw milll-ġenerazzjonijiet iż-żgħar;
7. Jisħaq fuq il-fatt li l-espansjoni, fi żminijiet ta' kriżi, tal-ekonomija s-sewda u l-attivitajiet mhux iddikjarati hija element importanti fid-tgħawiġ tal-kompetizzjoni; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-ġlieda kontra dan il-fenomeni;
8. Jitlob li jkun hemm approċċ ġdid għal politika industrijali sostenibbli, kif rikonoxxut fl-Istrateġija UE 2020, u jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata strateġija industrijali integrata mill-Kummissjoni flimkien mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, waqt li l-industriji nnfushom jiġu kkonsultati b'mod regolari, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-istrateġija għal Regolamentazzjoni Aħjar;
9. Jirrimarka li l-awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sostenn tal-attivitajiet industrijali, kemm permezz ta' sussidji għall-intrapriżi innovattivi, kif ukoll permezz ta' azzjonijiet ta' taħriġ u ta' titjib tal-kompetenzi għall-ħaddiema; jiddikjara li l-fondi strutturali jistgħu jipprovdu kofinanzjament lil dawn l-azzjonijiet u huwa tal-opinjoni li r-rwol tagħhom fil-politika industrijali fil-livell reġjonali u lokali għandu jissaħħaħ iktar biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi tal-istrateġija UE 2020;
10. Jinsab imħasseb dwar l-użu limitat tal-fondi strutturali mill-intrapriżi għall-finanzjament ta' proġetti innovattivi; hu tal-fehma li l-awtoritajiet li jimmaniġġjawhom għandhom jimpenjaw ruħhom biex jinfurmaw aħjar lill-intrapriżi dwar il-programmi operattivi u jipprovdu l-għajnuna kollha meħtieġa biex iniedu l-proġetti tagħhom;
11. Jinnota li t-tiżiħ tad-djalogu kostruttiv mal-partijiet interessati huwa azzjoni kruċjali għall-implimentazzjoni ta' prattiki tajbin fost l-industriji Ewropej u għat-tiżiħ tas-sorveljanza u l-valutazzjoni konġunti tal-miżuri antiċipati, fuq il-bażi ta' approċċ reġjonali;
12. Jirrikonoxxi li r-riċerka u l-innovazzjoni huma bżonn komuni tas-settur industrijali kollu, u huwa tal-opinjoni li d-diversi strumenti tal-UE għall-koeżjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom jiġu implimentati b'mod integrat biex tiġi żgurata l-effikaċja tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li wieħed ifittex sinerġiji bejn dawn l-istrumenti;

13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jingħata appoġġ lill-SMEs li jwettqu attivitajiet innovattivi permezz ta' politiki u azzjonijiet ikkoordinati fil-livell nazzjonali u Ewropew u indirizzati mill-qrib lejn ir-rekwiżiti tal-iżvilupp tal-partijiet interessati industrijali u ekonomiċi, bl-intenzjoni li jkun hemm implimentazzjoni aktar wiesgħa tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni bil-ħsieb li jiġi żviluppat il-potenzjal kompetittiv tal-industria tal-UE;
14. Jenfasizza r-rilevanza tal-livell reġjonali fl-indirizzar tar-riċerka u l-innovazzjoni, minħabba l-prossimità ta' atturi bħall-universitajiet, l-organizzazzjonijiet pubbliċi ta' riċerka, l-SMEs u l-industrija, filwaqt li tiġi promossa s-sħubija fit-trasferiment tal-għerf u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn ir-reġjuni; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tinvesti f'raggruppamenti u networks ta' innovazzjoni, inklużi wħud ta' daqs żgħir u medju, permezz tal-involviment sħiħ tal-partijiet interessati u ta' kooperazzjoni msaħħa mal-Bank Ewropew tal-Investment u fil-qafas ta' *task force* permanenti għall-politika industrijali;
15. Jitlob, għalhekk, li jiġu sfruttati u msaħħa b'mod ikkuncertat il-kompetenzi xjentifiċi u teknoloġiċi diġà disponibbli fir-reġjuni, partikolarment fil-qasam tat-teknoloġiji fundamentali, u biex issir aktar enfasi fuq il-politiki tar-raggruppamenti;
16. Jenfasizza li l-istrutturi reġjonali jagħtu kontribut sinifikattiv għat-tiżiħ tal-industrija fl-Ewropa; iqis għalhekk li għandu jingħata appoġġ aktar effikaċi għar-raggruppamenti u networks innovattivi, partikolarment fil-qasam tat-teknoloġiji fundamentali, bil-ħsieb li jiġu promossi b'mod koordinat it-trasferimenti tal-għerf, ir-riċerka, it-titjib tal-kompetenzi u l-iżvilupp tal-infrastrutturi;
17. Jirrimarka li ż-żieda fid-differenzi reġjonali f'termini ta' potenzjal tar-riċerka u l-iżvilupp hija sfida li għandha tiġi indirizzata mhux biss fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz tal-politika dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni; f'dan ir-rigward, jitlob li, apparti l-fondi għar-riċerka, jkun hemm riallokazzjoni tal-fondi fl-istess programmi operattivi bħala appoġġ għall-innovazzjoni u tiżiħ tal-użu tar-riċerka dwar soluzzjoni kummerċjalizzati għas-soċjetà;
18. Jirrimarka li l-implimentazzjoni progressiva tal-infrastrutturi diġitali u t-teknoloġiji innovattivi xierqa hi element strateġiku biex tiżdied il-kompetittività tar-reġjuni u l-industrija tal-UE; iqis li s-settur tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni jiżvolġi rwol ewlieni fit-tiżiħ tal-produttività tas-setturi industrijali l-oħra; iqis li l-infrastrutturi moderni tal-komunikazzjoni b'kapaċità għolja ta' trażmissjoni għandhom jiġu installati l-iktar fir-reġjuni b'anqas servizzi; u jqis li din il-miżura tista' tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-investment pubbliku u privat, u tgħin fit-titjib tal-kwalità tal-litteriżmu diġitali tal-intrapriżi;
19. Jisħaq fuq l-importanza ta' pjan ibbilanċjat sew u sostenibbli għall-effiċjenza tar-riżorsi flimkien mal-inizjattivi għall-ħolqien ta' suq komuni u liberalizzat tal-UE għall-enerġija, bħala l-għodda ewlenija biex l-industrija tal-UE jingħataw spinta lejn strateġija industrijali kompetittiva; jirrimarka li l-UE għandha tqis il-kwistjoni bħala sfida u għaldaqstant tfitteż tiżviluppa politika ta' innovazzjoni reġjonali bbażata fuq il-potenzjal oġġettiv ta' kull reġjun, partikolarment fil-qasam tal-politika industrijali sostenibbli; jenfasizza li l-istandards ambjentali għall-materja prima u dik awżiljari, kif ukoll għas-sigurtà tal-provvisti tal-enerġija u għat-trasport, għandhom iwasslu għal koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali msaħħa minflok ma jżidu d-distanza bejn ir-reġjuni ċentrali u periferiċi,

filwaqt li jitqiesu b'mod speċjali r-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer u l-ħtiġijiet tagħhom; jitlob, għalhekk, għall-iżvilupp f'dawn ir-reġjuni ta' politika industrijali li tista' tippromwovi s-setturi tagħhom bl-ikbar potenzjal, bħat-turiżmu, l-enerġiji rinnovabbli u l-attivitatijiet ta' riċerka u innovazzjoni marbuta mas-settur marittimu u dak agrikolu;

20. Jisħaq fuq il-fatt li l-ambjent kummerċjali dinji dejjem qed jevolvi u jqis, f'dan ir-rigward, li hemm ħtieġa għall-investimenti xierqa sabiex jiġu żviluppatti u adattati l-infrastrutturi u s-servizzi fl-oqsma tat-trasport, il-komunikazzjonijiet u l-enerġija, bil-ħsieb li jintgħelbu l-isfidi attwali u dawk tal-ġejjieni;
21. Jinnota li strateġija integrata għall-industrija tal-UE għandha tiffoka biex tissupera n-nuqqasijiet ta' ħiliet; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-ħtieġa ta' inizjattivi koordinati biex jittejjeb it-tixrid tal-informazzjoni u t-tagħlim tas-suġġetti xjentifiċi u tekniċi (STEM - xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika) fil-livelli kollha, filwaqt li jiġu promossi kwalifiki ogħla addizzjonali kkoordinati u mmirati; jisħaq fuq il-ħtieġa għal approċċ globali mmirat lejn it-titjib tal-ħiliet professjonali fl-oqsma tal-enerġiji rinnovabbli, proċessi industrijali u trasport nodfa; jistieden lill-Istati Membri jinkludu l-kwalifiki vokazzjonali għall-intraprenditorija fil-programmi universitarji u f'korsijiet oħrajn ta' edukazzjoni ogħla; jenfasizza li l-Fond Soċjali Ewropew għandu jiġi adattat għall-ħtiġijiet dejjem jevolvu tas-settur industrijali;
22. Jenfasizza li l-iżvilupp sostenibbli u ġust fis-settur industrijali jista' jintlaħaq aħjar mill-Istati Membri permezz tal-prinċipju tar-reċiproċità tal-politiki kummerċjali; jinnota li l-istrutturi reġjonali tan-netwerks u r-raggruppamenti kompetittivi m'għandhomx jiġu affettwati b'mod negattiv b'regoli u dispożizzjonijiet kummerċjali li ma jkunux simili li jaffettwaw b'mod partikolari lill-SMEs;
23. Jenfasizza d-differenzi reġjonali fl-iżvilupp industrijali u jitlob li dawn ukoll jiġu inkorporati għalkollox fil-politika l-ġdida għal industrija sostenibbli; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ integrat fuq diversi livelli fir-rigward tal-governanza u jtenni l-ħtieġa li jitqiesu ċ-ċirkostanzi soċjali u ekonomiċi differenti skont id-diversi reġjuni Ewropej u l-varjazzjonijiet fil-kapaċità kreattiva u innovattiva u fl-ispirtu intraprenditorjali.
24. Jisħaq fuq l-importanza tal-industrija tat-turiżmu fl-UE, li hi d-destinazzjoni turistika ewlenija fid-dinja, u f'ċerti reġjuni fejn tirrappreżenta l-attività ekonomika prinċipali; jappoġġa l-istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea biex tagħti spinta lill-kompetittività tal-industrija tat-turiżmu permezz ta' miżuri marbuta mal-kwalità, is-sostenibbiltà u t-tiżni tal-immagna tal-Ewropa bħala destinazzjoni turistika.
25. Jisħaq fuq il-fatt li governanza organizzata sew fuq diversi livelli hi essenzjali għal politika industrijali Ewropea fl-era tal-globalizzazzjoni.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	30.11.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 -: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Sophie Auconie, Jean-Paul Besset, Victor Boştinaru, Zuzana Brzobohatá, Alain Cadec, Francesco De Angelis, Tamás Deutsch, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Juozas Imbrasas, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Evgeni Kirilov, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Csanád Szegedi, Nuno Teixeira, Michail Tremopoulos, Viktor Uspaskich, Lambert van Nistelrooij, Hermann Winkler, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Vasilica Viorica Dăncilă, Jens Geier, Andrey Kovatchev, Elisabeth Schroedter, Dimitar Stoyanov, László Surján, Derek Vaughan, Sabine Verheyen